GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Ġunju 2025

**Suġġett:** Malti

**Data:** 24 ta' Ġunju 2025

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u tletin minuta)

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) Ix-xogħol li jingħataw l-istudenti għad-dar: huwa ta' ġid jew ta' piż? Iddiskuti.

*jew*

b) Fiera sabiħa li togħġobni. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim mill-Qari** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Il-Gwerra: Analiżi Akkademika u Effetti Soċjali**

Il-gwerra hija fenomenu li, anke fi żminijiet moderni, tkompli tħalli impatt kbir fuq ħafna komunitajiet madwar id-dinja. Hija għadha waħda mill-ikbar sfidi li taffaċċja l-umanità. Anke fuq dawk il-komunitajiet li għaddew minn diversi kunflitti snin ilu, il-gwerer ħallew il-marka tagħhom. Il-gwerra tikkawża ħafna telf ta' ħajjiet, id-distruzzjoni ta' infrastrutturi u ċaqliq kbir ta' nies. Il-konsegwenzi tagħha għandhom effetti estensivi u devastanti fuq il-pajjiżi milquta, kif ukoll fuq dawk li ma jkunux.

Waħda mill-iktar gwerer qerrieda hija l-gwerra nukleari, li minħabba l-potenzjal devastanti tagħha, hija t-theddida l-aktar gravi għas-sopravivenza tal-umanità. L-użu tal-armi nukleari, bħal dak li seħħ fil-bliet ta' Hiroshima u Nagasaki, wera l-qawwa tat-telf ta' ħajja. Bl-użu tal-armi nukleari, il-ħsara ma tkunx limitata biss għall-kunflitt intern, imma din għandha impatt globali. Ngħidu aħna, ir-radjazzjoni u l-konsegwenzi fit-tul għadhom jaffettwaw lin-nies u l-ekosistemi. It-tensjoni nukleari li teżisti llum fid-dinja tagħti sens ta' periklu kontinwu.

Il-gwerer ċivili wkoll għandhom effetti devastanti, mhux biss fuq il-pajjiż fejn iseħħu, imma anke fuq is-sistemi internazzjonali. Il-gwerra ċivili toħloq sitwazzjonijiet ta' inċertezza u kaos, fejn il-gvernijiet jgħaddu minn diffikultajiet kbar biex iżommu s-sigurtà fil-pajjiżi tagħhom. Pajjiżi bħas-Sirja u s-Sudan huma eżempji klassiċi ta' gwerer ċivili li jkomplu jaffettwaw lil ħafna. Gwerer ċivili jġibu magħhom ċaqliq kbir ta' popli sħaħ u t-tfittxija għal-libertà mill-priġunerija. Dawn il-gwerer iwasslu għal telf ta' servizzi bażiċi u tal-kwalità tal-ħajja.

Il-gwerer iwasslu għal problema kbira dinjija, il-problema tar-refuġjati. Dawn huma l-aktar vulnerabbli waqt il-gwerra. L-istorja turina li iktar minn mitt miljun persuna ġew sfurzati jħallu djarhom minħabba konflitti tal-gwerra, u dawn iħallu 'l pajjiżhom mingħajr protezzjoni u jissieltu għas-sopravivenza. Kampijiet ta' refuġjati, li jkunu maħluqa għall-għajnuna ta' dawn il-persuni,

ħafna drabi jaffaċċjaw nuqqas ta’ riżorsi. Dan iwassal għal sitwazzjonijiet ta’ inugwaljanza fejn il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, bħalma huma l-ikel, is-saħħa u l-edukazzjoni, ma jkunux aċċessibbli għall-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni.

L-impatt tal-gwerra fuq it-tfal mhuwiex inqas devastanti, hekk kif il-gwerra ċċaħħad ġenerazzjonijiet sħaħ il-possibilità li dawn igawdu t-tfulija tagħhom. It-tfal huma spiss esposti għall-vjolenza diretta, u ħafna minnhom jiġu wiċċ imb wiċċ mar-realtà li ħadd ma jkun jista’ jieħu ħsiebhom, iktar u iktar jekk ikunu tilfu lil qrabathom f’dawn il-kunflitti. Ħafna tfal jiġu mħarrġa għal suldati, fatt li jkompli jżid fit-trawma psikoloġika tagħhom. L-edukazzjoni tagħhom tkun wieqfa, u dan jaffettwa bil-kbir il-futur tagħhom. It-tfal huma vittmi innoċenti fil-gwerer, jgħaddu minn esperjenzi traġiċi u jaffaċċjaw sfidi kbar li jsiru traġedja għal għexieren ta’ snin.

Fid-dawl tar-realtajiet tal-gwerra, il-pajjiżi kollha għandhom l-obbligu li jimpenjaw irwieħhom fl-għajnuna umanitarja u diplomatika. L-inizjattivi tal-pajjiżi u l-komunitajiet internazzjonali għandhom ikunu mmirati lejn it-trażżin tal-gwerer, lejn il-promozzjoni tal-paċi, lejn l-involviment ta’ organizzazzjonijiet globali bħal l-UNHCR u n-Nazzjonijiet Magħquda, biex jipproteġu r-refuġjati u biex ir-rikonċiljazzjoni tas-soċjetajiet titwettaq permezz tal-kultura tad-djalogu, aktar milli ta’ konflitt.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X’jindikaw il-kunflitti tal-gwerra skont l-ewwel paragrafu?
   a. L-għarfien u l-għajnuna internazzjonali.
   b. Il-konfront bejn gruppi, stati, jew entitajiet oħra, u l-impatt devastanti tagħhom.
   ċ. Il-problemi ta’ żvilupp ekonomiku.
   d. Il-ħidma ta’ organizzazzjonijiet umanitarji biex jippromwovu l-paċi. (marka)

2. X’jiġri fil-pajjiż wara gwerra nukleari? Semmi **tlieta**. (3 marki)

3. Kif taffettwa gwerra ċivili lil pajjiż? Semmi **tnejn**. (2 marki)

4. X’taħseb li huma l-effetti negattivi li jħallu l-kampijiet tar-refuġjati fuq min joqgħod fihom? Semmi **tnejn.** (2 marki)

5. L-impatt tal-gwerra kif jaffettwa lit-tfal iż-żgħar? Semmi **tnejn.** (2 marki)

6. Għaliex taħseb in-nuqqas ta’ edukazzjoni fit-tfal kawża tal-gwerra, jaffettwa futurhom? (2 marki)

7. Skont dak li qrajt, x’taħseb li huma l-irwoli tal-UNHCR u n-Nazzjonijiet Magħquda? Semmi **tliet irwoli**. (3 marki)

8. Fl-opinjoni tiegħek, kif tista’ l-gwerra nukleari toħloq sfidi fit-tul għall-komunitajiet u l-ekosistemi globali? (4 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Liema **kelma** mill-aħħar paragrafu tas-silta għandha din it-tifsira? (3 marki)

a. jagħmlu dak kollu possibbli.
b. twaqqif.
c. ftehim mill-ġdid bejn il-partijiet.

2. Agħti **kelma**/**frażi** bl-istess tifsira għal dak bil-**grassett** fis-silta ta' hawn taħt. (3 marki)

Waħda mill-iktar gwerer qerrieda hija l-gwerra nukleari, li minħabba l-**potenzjal** devastanti tagħha, hija t-theddida l-aktar gravi għas-**sopravivenza** tal-umanità. L-użu ta' armi nukleari, bħal dak li seħħ fil-bliet ta' Hiroshima u Nagasaki, wera l-qawwa tat-telf ta' ħajja. Bl-użu tal-armi nukleari, il-ħsara ma tkunx limitata biss għall-kunflitt intern, imma din għandha **impatt** globali.

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Maġenbek għadu kemm fetaħ stabbiliment kummerċjali kbir li qed joħloq bosta inkonvenjenzi għall-abitanti tal-inħawi. Ikteb rapport fejn issemmi x'qed idejjaq lin-nies.

*Jew*

b) Flimkien ma' sħabek, attendejt għal festa familja li saret f'Ta' Qali. Ikteb rapport biex tiddeskrivi l-attivitajiet li kien hemm u kif dawn intlaqgħu minn dawk preżenti.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra elettronika ta' 80 kelma.

a) Ikteb ittra elettronika lil għaqda volontarja li tieħu ħsieb l-annimali mitluqa, fejn titlob aktar tagħrif dwar xogħolhom u kif tista' tissieħeb magħhom. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Marvic *jew* Felix Cassar,
Isem l-Għaqda: Kenn Annimali Mitluqa
L-indirizz tiegħek: marvic@skola.com *jew* felix@skola.com
L-indirizz tal-Għaqda: kenn@skola.com

*Jew*

b) Ikteb ittra elettronika lill-qarib tiegħek li jinsab imsiefer barra minn Malta u għoġbu jibgħatlek xi oġġetti sbieħ li bihom biħsiebek tkompli żżejjen id-dar tiegħek. **Fl-ittra uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Maria *jew* Alex Tabone,
Isem il-qarib tiegħek: Kevin Callus
L-indirizz tiegħek: maria@melita.com *jew* alex@melita.com
L-indirizz tal-qarib tiegħek: kevincallus@barramalta.com

## TMIEM IL-KARTA